ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 256

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

30 ta' Settembru 2010

Werrej

## I Atti leġislattivi

### DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni Nru 862/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm Konġunt ta' Riċerka u Żvilupp dwar il-Baħar Baltiku (BONUS) li huma impenjati fih diversi Stati Membri** ([1]) . . . . . . . . 1

## II Atti mhux leġislattivi

### REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 863/2010 tad-29 ta' Settembru 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 967/2006 fir-rigward tad-dati ta' skadenza applikabbli għall-esportazzjoni u l-intaxxar taz-zokkor prodott li jaqbeż il-kwota** . . . . . . . . 15

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 864/2010 tad-29 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix . . . . . . . . 17

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 865/2010 tad-29 ta' Settembru 2010 li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tal-butir għas-seba' stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 446/2010 . . . . . . . . 19

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: 3 EUR**

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2010/579/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu biex japplikaw miżura b'deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** 20

2010/580/UE:

★ **Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi biex japplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** . . . 22

2010/581/UE:

★ **Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** . . . 24

2010/582/UE:

★ **Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika ta' Franza u lir-Repubblika Taljana biex jintroduċu miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** 26

2010/583/UE:

★ **Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** . . . 27

2010/584/UE:

★ **Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2010 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud** . . . 29

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Atti leġislattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 862/2010/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Settembru 2010**

**dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fi Programm Konġunt ta' Riċerka u Żvilupp dwar il-Baħar Baltiku (BONUS) li huma impenjati fih diversi Stati Membri**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 185 u 188, it-tieni paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) [3] ("is-Seba' Programm Kwadru") tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka u żvilupp li impenjaw ruħhom fihom diversi Stati Membri, inkluża l-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għat-twettiq ta' dawk il-programmi, fit-tifsira tal-Artikolu 169 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("Trattat KE").

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) [4] tinkoraġġixxi approċċ transtematiku lejn suġġetti ta' riċerka rilevanti għal wieħed jew aktar mit-temi tas-Seba' Programm Kwadru, u f'dan il-kuntest identifikat inizjattiva taħt l-Artikolu 169 tat-Trattat KE fil-qasam tar-Riċerka Konġunta dwar il-Baħar Baltiku bħala wieħed mill-oqsma adatti għall-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programmi ta' riċerka nazzjonali implimentati b'mod konġunt.

(3) L-ekosistema tal-Baħar Baltiku, baħar intern kważi magħluq Ewropew, hija wieħed mill-ikbar korpi ta' ilma salmastru fid-dinja u ntlaqtet serjament minn pressjoni eżerċitata minn numru ta' elementi ta' oriġini naturali u pressjoni eżerċitata mill-bniedem, bħat-tniġġis minn armi kimiċi mormija, pereżempju gassijiet tal-gwerra li jmorru lura sat-Tieni Gwerra Dinjija, u minn komposti ta' metalli tqal, sustanzi organiċi, materjali radjuattivi, u tixrid ta' żejt tat-tisħin u ta' żejt mhux maħdum. L-iżvilupp tal-agrikoltura fil-baċin idrografiku tal-Baħar Baltiku wkoll ikkawża l-iskular eċċessiv ta' fertilizzanti u materjal organiku li jwassal għal ewtrofizzazzjoni avvanzata, u l-introduzzjoni ta' organiżmi aljeni nonendemiċi fl-ambjent. L-esplojtazzjoni insostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u t-tibdil fil-klima qed jikkawżaw it-telf tal-bijodiversità oriġinali. Dawk il-fatturi, kif ukoll l-attività kontinwa tal-bniedem, li tinkludi proġetti infrastrutturali direttament fuq il-kosta jew qrib ħafna tagħha u fil-baċin idrografiku tal-Baħar Baltiku, u t-turiżmu ekoloġikament insostenibbli, qed joħolqu degradazzjoni fl-ambjent naturali. Dan kollu qed inaqqas serjament il-kapaċità tal-Baħar Baltiku li jipprovdi b'mod sostenibbli l-prodotti u s-servizzi li fuqhom jiddependu n-nies direttament u indirettament għal benefiċċji soċjali, kulturali u ekonomiċi.

[1] Opinjoni tad-29 ta' April 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Ġunju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2010.
[3] ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
[4] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86.

(4) Il-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2007, enfasizza t-tħassib dwar l-istat tal-ambjent fil-Baħar Baltiku, kif rifless fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal inizjattiva taħt l-Artikolu 169 tat-Trattat KE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

(5) Ix-xjenza għandha tikkontribwixxi biex tittratta dawn l-isfidi u ssib soluzzjonijiet għall-problemi ambjentali urġenti fil-Baħar Baltiku. Madankollu, il-gravità tas-sitwazzjoni preżenti titlob titjib kwalitattiv u kwantitattiv tar-riċerka attwali fir-reġjun Baltiku permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat bis-sħiħ fejn il-programmi ta' riċerka rilevanti tal-Istati kollha konfinanti jistgħu jiġu simplifikati u ffukati sabiex jittrattaw il-kwistjonijiet kumplessi u urġenti b'mod koordinat, effiċjenti u effettiv.

(6) Fil-preżent, għadd ta' programmi jew attivitajiet ta' riċerka u żvilupp imwettqa mill-Istati Membri individwalment f'livell nazzjonali għas-sostenn tar-riċerka u l-iżvilupp fir-reġjun tal-Baħar Baltiku mhumiex koordinati biżżejjed fil-livell tal-Unjoni biex tinkiseb il-massa kritika meħtieġa f'oqsma strateġiċi tar-riċerka u l-iżvilupp.

(7) Barra minn hekk, l-istrutturi tar-riċerka eżistenti speċifiċi għas-settur, li evolvew tul storja twila ta' politika nazzjonali, għandhom għeruq fondi fis-sistemi ta' governanza nazzjonali u ma jippermettux l-iżvilupp u l-finanzjament tar-riċerka ambjentali multidixxiplinari, interdixxiplinari u transdixxiplinari meħtieġa biex jiġu ttrattati l-isfidi tal-Baħar Baltiku.

(8) Waqt li hemm tradizzjoni twila ta' kooperazzjoni fir-riċerka dwar il-Baħar Baltiku ma' pajjiżi kemm fi ħdan kif ukoll barra miż-żona tal-Baħar Baltiku, l-isforzi kollaborattivi sa issa kienu nieqsa mir-riżorsi finanzjarji xierqa għall-isfruttament ottimali tal-potenzjal tar-riċerka minħabba s-sitwazzjoni ekonomika u ta' żvilupp mhux ugwali f'dawk il-pajjiżi kif ukoll aġendi ta' riċerka, temi ta' riċerka u prijoritajiet nazzjonali li jvarjaw ħafna.

(9) Il-Kummissjoni fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2007-2008 tal-11 ta' Ġunju 2007 għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku Kooperazzjoni, ipprovdiet appoġġ finanzjarju lil BONUS ERA-NET u lil ERA-NET PLUS fil-qasam tar-riċerka ambjentali dwar il-Baħar Baltiku sabiex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji li jiffinanzjaw ir-riċerka ambjentali fir-reġjun Baltiku u tiffaċilita t-transizzjoni lejn programm konġunt ta' riċerka u żvilupp fil-Baħar Baltiku li għandu jiġi implimentat fuq il-bażi tal-Artikolu 169 tat-Trattat KE.

(10) B' mod ġenerali, BONUS ERA-NET u ERA-NET PLUS iffunzjonaw tajjeb u għalhekk huwa importanti li tiġi żgurata l-kontinwità tal-isforzi tar-riċerka biex jiġu ttrattati l-isfidi ambjentali urġenti.

(11) Konformement mal-approċċ tas-Seba' Programm Kwadru u kif rikonoxxut fil-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati li saru matul BONUS ERA-NET, fir-reġjun Baltiku hemm bżonn ta' programmi ta' riċerka bbażati fuq il-politika.

(12) Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Isvezja (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Parteċipanti") ftiehmu li jwettqu flimkien il-Programm Konġunt ta' Riċerka u Żvilupp dwar il-Baħar Baltiku BONUS ("BONUS"). BONUS għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp xjentifiku u l-innovazzjoni billi jipprovdi l-qafas legali u organizzattiv meħtieġ għal kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-Istati tal-Baħar Baltiku fir-riċerka ambjentali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku.

(13) Filwaqt li jiffoka l-aktar fuq ir-riċerka ambjentali, BONUS imiss għadd ta' programmi ta' riċerka relatati tal-Unjoni fuq firxa ta' attivitajiet tal-bniedem li għandhom impatti kumulattivi fuq l-ekosistema bħas-sajd, l-akkwakultura, l-agrikoltura, l-infrastruttura (inkluż fil-qasam tal-enerġija), it-trasport, it-taħriġ u l-mobilità tar-riċerkaturi kif ukoll kwistjonijiet soċjo-ekonomiċi. BONUS huwa ta' rilevanza konsiderevoli għal għadd ta' linji ta' politika u direttivi tal-Unjoni inkluża l-Istrateġija tal-Unjoni għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku; il-Politika Komuni tas-Sajd; il-Politika Agrikola Komuni, id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [1]; id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina) [2] kif ukoll impenji internazzjonali tal-Unjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku HELCOM. B'riżultat ta' dan, bosta oqsma oħra tal-politika tal-Unjoni ser jibbenefikaw minn BONUS.

(1) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.
(2) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

(14) Biex jiżdied l-impatt ta' BONUS, l-Istati Parteċipanti qablu li l-Unjoni tipparteċipa fih.

(15) BONUS għandu jinkludi fażi strateġika, segwita minn fażi ta' implimentazzjoni, li tipprovdi opportunità biex titwettaq konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati dwar l-aġenda tar-riċerka strateġika li kapaċi wkoll tittratta l-bżonnijiet ta' riċerka li jitfaċċaw. Matul il-fażi strateġika ta' BONUS, għandu jitfittex l-involviment ta' aġenziji ta' finanzjament addizzjonali orjentati lejn is-settur biex titjieb aktar l-integrazzjoni tar-riċerka li tittratta l-bżonnijiet tal-aħħar utent transsettorjali u jkun żgurat l-użu effettiv tar-riżultati għall-arranġamenti tal-politika u l-ġestjoni tar-riżorsi fuq firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi.

(16) Fit-tmiem tal-fażi strateġika, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Aġenda tar-Riċerka Strateġika, il-Pjattaformi għall-Konsultazzjonijiet tal-Partijiet Interessati u l-modalitajiet tal-implimentazzjoni jkunu stabbiliti sabiex BONUS jidħol fil-fażi tal-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni tista', jekk ikun meħtieġ, tagħti rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika. It-transizzjoni għall-fażi tal-implimentazzjoni għandha tkun mingħajr skossi jew dewmien.

(17) L-Istati Parteċipanti qablu li jikkontribwixxu EUR 50 miljun għal BONUS. Kontribuzzjonijiet in natura fil-forma ta' aċċess għal u użu ta' infrastrutturi ("kontribuzzjoni infrastrutturali in natura") għandhom ikunu permessi, bil-kondizzjoni li ma jirrappreżentawx parti sostanzjali tal-kontribuzzjoni sħiħa. Dawn għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni tal-valur u l-utilità tagħhom għat-twettiq tal-proġetti BONUS.

(18) Il-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'BONUS m'għandhiex teċċedi l-EUR 50 miljun għat-tul kollu tiegħu u tkun ugwali, fi ħdan dak il-limitu, għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti sabiex iżżid l-interess tagħhom fit-twettiq ta' BONUS b'mod konġunt. Il-parti l-kbira tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun allokata għall-fażi tal-implimentazzjoni. Għandu jiġi definit limitu għal kull fażi. Il-limitu għall-fażi tal-implimentazzjoni għandu jiżdied bi kwalunkwe ammont li jibqa' wara l-implimentazzjoni tal-fażi strateġika.

(19) L-implimentazzjoni konġunta ta' BONUS teħtieġ struttura ta' implimentazzjoni dedikata, kif previst fid-Deċiżjoni 2006/971/KE. L-Istati Parteċipanti ftiehmu fuq tali struttura ta' implimentazzjoni dedikata u stabbilixxew in-Netwerk ta' Organizzazzjonijiet Baltiċi għall-Finanzjament tax-Xjenza ("BONUS EEIG") biex jiġi implimentat BONUS. BONUS EEIG għandu jkun ir-riċevitur tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Waqt li l-Istati Parteċipanti jiġu mfakkra dwar l-importanza tal-prinċipju ta' karus tabilħaqq komuni, kull Stat Parteċipant ser jiddeċiedi, skont ir-regoli u l-proċeduri ta' finanzjament komuni għal BONUS, jekk jamministrax il-kontribuzzjoni tiegħu jew jekk il-kontribuzzjoni tiegħu hijiex ser tkun amministrata minn BONUS EEIG. BONUS EEIG għandu jiżgura wkoll li l-implimentazzjoni ta' BONUS tkun konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

(20) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għal impenji formali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Parteċipanti u l-ħlas tal-kontribuzzonijiet finanzjarji tagħhom.

(21) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-fażi strateġika għandu jkun soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim dwar il-fondi bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u BONUS EEIG li għandu jkun irregolat mir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) ([1]) sabiex tiġi faċilitata u simplifikata l-ġestjoni tiegħu.

(22) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-fażi tal-implimentazzjoni għandha tkun soġġetta għall-konklużjoni ta' ftehim dwar l-implimentazzjoni bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni u BONUS EEIG, li jkun fih l-arranġamenti dettaljati għall-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Din il-parti tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi ġestita taħt ġestjoni ċentralizzata indiretta konformement mal-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) ("Regolament Finanzjarju"), u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]).

(23) Kwalunkwe imgħax li jirriżulta mill-kontribuzzjonijiet imħallsa lil BONUS EEIG għandu jkun ikkunsidrat bħala d-dħul tiegħu u jiġi assenjat għall-implimentazzjoni ta' BONUS.

([1]) ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

(24) Biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tagħha, l-Unjoni għandu jkollha d-dritt li tnaqqas, tirtira jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha fil-każ li BONUS jiġi implimentat ħażin, parzjalment jew tard, jew l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux, jew jikkontribwixxu parzjalment jew tard, għall-finanzjament ta' BONUS, bit-termini stabbiliti fil-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn l-Unjoni u BONUS EEIG.

(25) Biex BONUS jiġi implimentat b'mod effiċjenti, matul il-fażi ta' implimentazzjoni, għandu jingħata appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti fil-proġetti ta' BONUS magħżula fil-livell ċentrali taħt ir-responsabbiltà ta' BONUS EEIG wara li jsiru sejħiet għal proposti. L-għoti u l-ħlas ta' tali appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti f'BONUS għandu jkun trasparenti, ħieles mill-burokrazija u jirrispetta r-regoli komuni konformement mas-Seba' Programm Kwadru.

(26) Waqt li ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka huwa dipartiment tal-Kummissjonijiet, l-istituti tiegħu xorta għandhom il-kapaċitajiet ta' riċerka li huma rilevanti għall-BONUS u jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu. Għalhekk huwa xieraq li jiġi definit ir-rwol taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fit-termini tal-eliġibbiltà tiegħu għal finanzjament.

(27) Biex jiġi żgurat trattament ugwali, l-evalwazzjoni ta' proposti għandha ssegwi l-istess prinċipji li japplikaw għall-proposti ppreżentati taħt is-Seba' Programm Kwadru. Għalhekk l-evalwazzjoni tal-proposti għandha titwettaq ċentralment taħt ir-responsabbiltà ta' BONUS EEIG minn esperti indipendenti b'għarfien tajjeb tal-kondizzjonijiet lokali fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti u komuni, u l-finanzjament għandu jiġi allokat konformement ma' lista ta' klassifikazzjoni approvata ċentralment. Il-klassifikazzjoni u l-ordni ta' prijorità għandha tiġi approvata minn BONUS EEIG u ssegwi strettament ir-riżultat tal-evalwazzjoni indipendenti, li għandu jkun vinkolanti.

(28) Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru għandu jkun intitolat li jipparteċipa f'BONUS.

(29) Konformement mal-għanijiet tas-Seba' Programm Kwadru, il-parteċipazzjoni minn kwalunkwe pajjiż ieħor f'BONUS, b'mod partikolari dawk il-pajjiżi konfinanti mal-Baħar Baltiku jew li jipprovdu l-baċin idrografiku tiegħu, għandha tkun possibbli jekk din il-parteċipazzjoni tkun provduta mill-ftehim internazzjonali rilevanti u jekk kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Parteċipanti jaqblu magħha. Konformement mas-Seba' Programm Kwadru, il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tagħti l-approvazzjoni tagħha dwar il-kondizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjoni finanzjarji tagħha lil BONUS fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra konformement mar-regoli u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(30) Għandhom jittieħdu l-miżuri adatti għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa għall-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa ħażin jew użati b'mod mhux korrett konformement mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]) u (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]).

(31) L-attivitajiet ta' riċerka mwettqa taħt BONUS għandhom jirrispettaw il-prinċipji tal-etika konformement mal-prinċipji ġenerali tas-Seba' Programm Kwadru, u jsegwu l-prinċipji tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ġeneru u tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u tal-iżvilupp sostenibbli.

(32) Fid-dawl ta' evalwazzjoni proviżorja imwettqa mill-Kummissjoni, megħjuna minn esperti indipendenti b'għarfien tajjeb tal-kondizzjonijiet lokali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni ta' BONUS u tavvanza lejn l-objettivi ffissati, u għandha twettaq evalwazzjoni finali.

(33) Il-parteċipanti f'BONUS għandhom jikkomunikaw u jxandru r-riżultati tagħhom kemm jistgħu, b'mod partikolari lil proġetti reġjonali oħra simili ta' riċerka dwar il-baħar, u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

(34) L-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġetti li diġà twettqu taħt BONUS ERA-NET u l-BONU ERA-NET PLUS kixfu l-kondizzjoni diżastruża tal-Baħar Baltiku. L-istat ambjentali tal-Baħar Baltiku għandu għalhekk ikompli jkun is-suġġett ta' aktar attivitajiet ta' riċerka,

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

ADDOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Programm Konġunt ta' Riċerka u Żvilupp dwar il-Baħar Baltiku BONUS ("BONUS") li huma impenjati fih b'mod konġunt id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Isvezja ("l-Istati Parteċipanti"), għandha tiġi pprovduta taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

2. L-Unjoni għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja li ma teċċedix l-EUR 50 miljun għat-tul kollu ta' BONUS konformement mar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 matul il-fażi strateġika u konformement mal-Artikolu 54(2)(c) tar-Regolament Finanzjarju matul il-fażi tal-implimentazzjoni. Fi ħdan dak il-limitu, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun ugwali għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas b'mod konġunt mill-approprjazzjonijiet tal-baġit allokati lit-temi kollha rilevanti tal-Programm Speċifiku Kooperazzjoni.

*Artikolu 2*

**Implimentazzjoni ta' BONUS**

1. BONUS għandu jiġi implimentat min-Netwerk ta' Organizzazzjonijiet Baltiċi għall-Finanzjament tax-Xjenza ("BONUS EEIG").

2. BONUS għandu jiġi implimentat f'żewġ fażijiet, jiġifieri, fażi strateġika segwita minn fażi ta' implimentazzjoni konformement mal-Anness I.

3. Il-fażi strateġika ta' BONUS għandha ddum sa 18-il xahar. Din għandha tipprepara l-fażi tal-implimentazzjoni. Matul il-fażi strateġika, BONUS EEIG għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) it-tħejjija tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika li tiddefinixxi l-parti dwar il-kontenut xjentifiku ta' BONUS li tiffoka fuq is-sejħiet għal proposti, konformement mal-għanijiet stabbiliti fis-Seba' Programm Kwadru;

(b) l-istabbiliment tal-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati bl-għan li jissaħħaħ u jiġi istituzzjonalizzat l-involviment tal-partijiet interessati mis-setturi kollha rilevanti;

(c) it-tħejjija tal-modalitajiet tal-implimentazzjoni li jinkludu r-regoli u l-proċeduri legali u finanzjarji, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' BONUS, ir-riżorsi umani u l-aspetti tal-komunikazzjoni.

4. Il-fażi tal-implimentazzjoni għandha ddum għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin. Matul il-fażi tal-implimentazzjoni s-sejħiet għal proposti għandhom jiġu ppubblikati bl-għan li jiġu ffinanzjati proġetti li jindirizzaw l-objettivi ta' BONUS. Dawk is-sejħiet għal proposti għandhom ikunu mmirati għal proġetti transnazzjonali u b'diversi msieħba, jinkoraġġixxu parteċipazzjoni adegwata ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jinkludu attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku, taħriġ u disseminazzjoni. Il-proġetti għandhom jingħażlu konformement mal-prinċipji ta' trattament ugwali, trasparenza, evalwazzjoni indipendenti, kofinanzjament, ebda skop ta' profitt, non-retroattività u finanzjament mhux akkumulat ma' sorsi oħra tal-Unjoni. L-għoti u l-ħlas ta' finanzjament lil parteċipanti f'BONUS għandu jirrispetta r-regoli komuni konformement mas-Seba' Programm Kwadru.

*Artikolu 3*

**Kondizzjonijiet għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-fażi strateġika m'għandhiex teċċedi l-EUR 1,25 miljun u tkun ugwali, fi ħdan dak il-limitu, għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti. L-impenn tal-Unjoni biex tikkontribwixxi għall-fażi strateġika għandu jkun bil-kondizzjoni ta' impenn ekwivalenti mill-Istati Parteċipanti.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-fażi tal-implimentazzjoni m'għandhiex teċċedi l-EUR 48,75 miljun u tkun ugwali, fi ħdan dak il-limitu, għall-kontribuzzjoni tal-Istati Parteċipanti. Dak il-limitu jista' jiżdied bi kwalunkwe ammont li jibqa' wara l-implimentazzjoni tal-fażi strateġika. Matul il-fażi tal-implimentazzjoni, sa 25 % tal-kontribuzzjoni mill-Istati Parteċipanti tista' tikkonsisti mill-provvista ta' kontribuzzjoni infrastrutturali in natura.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-fażi tal-implimentazzjoni għandha tkun kondizzjonali għal:

(a) l-istabbiliment mill-Istati Parteċipanti tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika, il-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati u l-modalitajiet tal-implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(3) kif ukoll il-progress li twettaq fil-kisba tal-objettivi u r-riżultati msemmija fl-Anness I, it-taqsima 2. Il-Kummissjoni tista', jekk ikun meħtieġ, tagħti rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika;

(b) il-prova minn BONUS EEIG tal-kapaċità tiegħu li jimplimenta BONUS inkluż li jirċievi, jalloka u jissorvelja l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni taħt ġestjoni ċentralizzata indiretta konformement mal-Artikoli 54(2)(c) u 56 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 35, 38(2) u 41 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 u konformement mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda;

(c) iż-żamma u l-applikazzjoni ta' mudell ta' governanza adatt u effiċjenti għall-BONUS konformement mal-Anness II;

(d) it-twettiq effiċjenti tal-attivitajiet relatati mal-fażi tal-implimentazzjoni ta' BONUS stabbiliti fl-Anness I mill-BONUS EEIG, li jimplika sejħiet għal proposti għall-għoti ta' fondi;

(e) impenn minn kull Stat parteċipant biex jikkontribwixxi s-sehem tiegħu għall-finanzjament ta' BONUS u l-ħlas effettiv tal-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu, b'mod partikolari l-finanzjament tal-parteċipanti fil-proġetti ta' BONUS magħżula b'segwitu għas-sejħiet għal proposti;

(f) konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Qafas Komunitarju għall-Għajnuna mill-Istat għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni ([1]);

(g) l-iżgurar ta' livell għoli ta' eċċellenza xjentifika, l-osservanza tal-prinċipji tal-etika konformement mal-prinċipji ġenerali tas-Seba' Programm Kwadru, u r-rispett tal-prinċipji tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ġeneru u l-ugwaljanza bejn is-sessi, u tal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli.

*Artikolu 4*

**Parteċipazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka**

1. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jkun eliġibbli għall-finanzjament minn BONUS taħt l-istess kondizzjonijiet bħal dawk għall-entitajiet eliġibbli tal-Istati Parteċipanti.

2. Ir-riżorsi proprji taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li mhumiex koperti mill-fondi ta' BONUS, m'għandhomx jitqiesu bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 1.

*Artikolu 5*

**Ftehimiet bejn l-Unjoni u BONUS EEIG**

1. L-arranġamenti dettaljati għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni matul il-fażi strateġika għandhom ikunu stabbiliti fi ftehim dwar il-fondi li jrid jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u BONUS EEIG konformement mar-regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u fir-Regolament (KE) Nru 1906/2006.

2. L-arranġamenti dettaljati għall-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni għandhom ikunu stabbiliti fi ftehim ta' implimentazzjoni u ftehimiet finanzjarji annwali li jridu jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, u BONUS EEIG.

Il-ftehim ta' implimentazzjoni għandu b'mod partikolari jinkludi dan li ġej:

(a) definizzjoni tal-kompiti delegati;

(b) dispożizzjoni għall-protezzjoni tal-fondi tal-Unjoni;

(c) il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati għat-twettiq tal-kompiti, inklużi r-regoli tal-finanzjament u l-limiti massimi tal-finanzjament applikabbli għall-proġetti ta' BONUS, dispożizzjonijiet adatti għad-demarkazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-implimentazzjoni tal-kontrolli;

(d) regoli dwar ir-rappurtar lill-Kummissjoni dwar kif jitwettqu l-kompiti;

(e) il-kondizzjonijiet li bihom jieqaf it-twettiq tal-kompiti;

(f) arranġamenti dettaljati għall-iskrutinju mill-Kummissjoni;

(g) kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' kont bankarju separat u t-trattament tal-imgħax li jirriżulta;

(h) dispożizzjonijiet li jiżguraw il-viżibilità tal-azzjoni tal-Unjoni rigward l-attivitajiet l-oħra ta' BONUS EEIG;

(i) impenn li ma jsir l-ebda att li jista' jwassal għal konflitt ta' interessi fit-tifsira tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Finanzjarju;

(j) dispożizzjonijiet li jirregolaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' BONUS kif imsemmi fl-Artikolu 2;

(k) il-kriterji li jridu jintużaw fl-evalwazzjonijiet proviżorji u finali, inklużi dawk imsemmija fl-Artikolu 13.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni ex-ante ta' BONUS EEIG sabiex tikseb evidenza tal-eżistenza u l-operat korrett tal-proċeduri u s-sistemi msemmija fl-Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju.

([1]) ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 6*

**Imgħax iġġenerat mill-kontibuzzjonijiet**

L-imgħax dovut fuq il-kontribuzzjonijiet finanzjarji allokati lil BONUS għandu jitqies bħala dħul ta' BONUS EEIG u għandu jkun assenjat lil BONUS.

*Artikolu 7*

**Tnaqqis, żamma jew tmiem tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni**

Meta BONUS ma jiġix implimentat jew jiġi implimentat ħażin, parzjalment jew tard, l-Unjoni tista' tnaqqas, iżżomm jew ittemm il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'kont meħud tal-progress fl-implimentazzjoni ta' BONUS.

Meta l-Istati Parteċipanti ma jikkontribwixxux jew jikkontribwixxu biss parzjalment jew tard għall-finanzjament ta' BONUS, l-Unjoni tista' tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha b'kont meħud tal-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat mill-Istati Parteċipanti taħt it-termini tal-ftehim dwar il-fondi msemmi fl-Artikolu 5(1).

*Artikolu 8*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mill-Istati Parteċipanti**

Fl-implimentazzjoni ta' BONUS, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri leġislattivi, regolatorji, amministrattivi jew oħrajn neċessarji għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Istati Parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw l-irkupru sħiħ ta' kwalunkwe ammont dovut lill-Unjoni konformement mar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

*Artikolu 9*

**Kontroll mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri**

Il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea għandha tkun intitolata twettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha neċessarji biex jiżguraw il-ġestjoni korretta tal-fondi tal-Unjoni u biex jipproteġu l-interess finanzjarju tal-Unjoni kontra kwalunkwe frodi jew irregolarità. Għal dan l-għan, l-Istati Parteċipanti u BONUS EEIG għandhom jagħmlu disponibbli lill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri d-dokumenti kollha rilevanti.

*Artikolu 10*

**Informazzjoni reċiproka**

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Qorti tal-Awdituri. L-Istati Parteċipanti għandhom jiġu mistiedna jippreżentaw lill-Kummissjoni, permezz ta' BONUS EEIG, kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni finanzjarja ta' BONUS EEIG li tkun konsistenti mar-rekwiżiti ġenerali ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 13.

*Artikolu 11*

**Parteċipazzjoni ta' Stati Membri oħrau pajjiżi assoċjati**

Kwalunkwe Stat Membru u kwalunkwe pajjiż assoċjat mas-Seba' Programm Kwadru jista' jingħaqad mal-BONUS konformement mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(3). L-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati li ngħaqdu mal-BONUS għandhom jitqiesu bħala Stati Parteċipanti għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 12*

**Parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra**

L-Istati Parteċipanti u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu dwar il-parteċipazzjoni ta' kwalunkwe pajjiż ieħor soġġett għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u l-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3(3), bil-kondizzjoni li din il-parteċipazzjoni tkun ipprovduta mill-ftehim internazzjonali rilevanti.

L-Istati Parteċipanti u l-Kummissjoni għandhom jiddefinixxu l-kondizzjonijiet li bihom l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti jew residenti f'dak il-pajjiż għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament ta' BONUS.

*Artikolu 13*

**Rappurtar annwali u evalwazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tinkludi rapport dwar l-attivitajiet ta' BONUS fir-rapport annwali tas-Seba' Programm Kwadru ppreżentat lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill skont l-Artikolu 190 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni proviżorja ta' BONUS, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014. Dik l-evalwazzjoni għandha tkopri l-progress lejn l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 u l-Anness I, kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' BONUS dwar il-modi l-aktar adatti għat-titjib ulterjuri tal-integrazzjoni u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, inkluża l-integrazzjoni xjentifika, tal-ġestjoni u finanzjarja u jekk il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Parteċipanti huwiex adatt, meta wieħed jikkunsidra d-domanda potenzjali mill-komunitajiet tar-riċerka nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni interim tagħha, flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Fi tmiem il-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'BONUS iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali ta' BONUS. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

*Artikolu 14*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 15*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2010.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
J. BUZEK

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
O. CHASTEL

*ANNESS I*

## OBJETTIVI U IMPLIMENTAZZJONI TA' BONUS

### 1. Objettivi ta' BONUS

BONUS għandu jtejjeb il-kapaċità tar-riċerka tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku sabiex tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' regolamenti, linji ta' politika u prattiki ta' ġestjoni "adatti għall-iskop tagħhom", twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi ambjentali u soċjetali kbar li r-reġjun qed jiffaċċja u ser jiffaċċja fis-snin li ġejjin u ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-programmi u l-approċċ tar-riċerka ambjentali frammentati tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku permezz tal-integrazzjoni tal-attivitajiet tar-riċerka fis-Sistema tal-Baħar Baltiku fi programm multinazzjonali, kooperattiv, interdixxiplinari, integrat tajjeb u ffukat li jservi għal żmien twil.

BONUS għandu jikkontribwixxi wkoll għall-istabbiliment u l-istrutturar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

Sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet huwa neċessarju li jitjiebu l-effiċjenza u l-effettività tal-ipprogrammar frammentat tar-riċerka ambjentali tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku billi l-attivitajiet tar-riċerka jiġu integrati fi programm multinazzjonali, kooperattiv, interdixxiplinari, integrat tajjeb u ffukat li jservi għal żmien twil b'sostenn għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun. Għal dan l-għan BONUS għandu:

(a) jistabbilixxi Aġenda tar-Riċerka Strateġika bbażata fuq il-politika;

(b) iżid il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni transkonfinali u transettorjali sostenibbli tal-programmi tar-riċerka pubbliċi;

(c) iżid il-kapaċità tar-riċerka tal-Istati Baltiċi l-ġodda tal-Unjoni;

(d) jistabbilixxi Pjattaformi ta' Konsultazzjoni adatti mal-Partijiet Interessati inkluża r-rappreżentanza mis-setturi kollha rilevanti;

(e) jimmobilizza riżorsi finanzjarji addizzjonali minn kollaborazzjoni transettorjali mtejba fir-riċerka dwar is-Sistema tal-Baħar Baltiku;

(f) jistabbilixxi modalitajiet tal-implimentazzjoni adatti li jippermettu implimentazzjoni effettiva ta' BONUS permezz ta' struttura ta' entitajiet u governanza legali b'ġestjoni konġunta;

(g) iniedi sejħiet għal proposti konġunti transtematiċi, iffukati strateġikament u b'diversi msieħba.

### 2. Fażi strateġika

2.1. *Objettiv*

Il-fażi strateġika għandha tħejji l-fażi tal-implimentazzjoni. Hija għandha tittratta l-iżvilupp strateġiku ta' BONUS biex tiżgura li tinkiseb integrazzjoni ottimali tar-riċerka dwar is-Sistema tal-Baħar Baltiku. Hija għandha tfittex li ssaħħaħ l-involviment tal-partijiet interessati u l-gruppi tal-utenti biex tiżgura li r-riċerka tkun rilevanti għall-politika u l-ġestjoni, u li l-prijoritizzazzjoni tat-temi tar-riċerka tkun ibbażata fuq il-bżonnijiet politiċi u li jitfittex attivament l-involviment sħiħ tax-xjentisti u l-istituzzjonijiet ta' riċerka rispettivi tagħhom, kif ukoll tal-komunitajiet tal-partijiet interessati b'mod ġenerali.

2.2. *Riżultati*

BONUS EEIG għandu jibgħat lill-Kummissjoni r-riżultati stipulati fil-paragrafi li ġejjin mhux aktar tard minn 15-il xahar wara l-bidu tal-fażi strateġika.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi pariri u assistenza fuq it-talba ta' BONUS EEIG matul il-preparazzjoni ta' dawk ir-riżultati. BONUS EEIG għandu jirrapporta dwar il-progress fuq it-talba tal-Kummissjoni.

2.2.1. L-Aġenda tar-Riċerka Strateġika

L-Aġenda tar-Riċerka Strateġika għandha tiġi żviluppata u miftiehma f'konsultazzjoni fost l-Istati Parteċipanti, firxa wiesgħa ta' partijiet interessati u l-Kummissjoni. Hija għandha tkun il-bażi għal programm ibbażat fuq il-politika. Hija għandha twessa' l-iffukar tar-riċerka biex tinkorpora, flimkien mal-ekosistema tal-baħar, approċċ mifrux mal-baċin u li jindirizza l-kwistjonijiet l-aktar importanti li jaffettwaw il-kwalità u l-produttività tal-ekosistemi tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

Hija għandha tinkludi deskrizzjoni tal-bażi ta' riferiment u l-istadju l-aktar avvanzat tar-riċerka dwar is-Sistema tal-Baħar Baltiku, tipprovdi viżjoni strateġika ċara u pjan direzzjonali ta' kif jinkisbu l-objettivi dikjarati u tistabbilixxi s-suġġetti tas-sejħiet ibbażati fuq il-politika, il-baġits tagħhom, id-dati tal-pubblikazzjoni u t-tul ta' żmien previst tal-proġetti. Barra minn hekk, għandha tinkludi miżuri li jittrattaw il-bżonnijiet ta' riċerka emerġenti, tavvanza l-integrazzjoni pan-Baltika tar-riċerka, u tinkludi pjan direzzjonali konġunt għall-użu flimkien u l-ippjanar potenzjali ta' investimenti futuri fil-kapaċitajiet tal-infrastruttura reġjonali.

### 2.2.2. Il-Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati

Fuq il-bażi ta' analiżi komprensiva tal-partijiet interessati rilevanti ta' BONUS fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u Ewropew, għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi u Pjattaformi ta' Konsultazzjoni mal-Partijiet Interessati bl-għan li jsaħħu u jistituzzjonalizzaw l-involviment tal-partijiet interessati mis-setturi rilevanti kollha għall-identifikazzjoni ta' lakuni kritiċi, il-prijoritizzazzjoni tat-temi tar-riċerka u t-titjib tal-integrazzjoni tar-riżultati tar-riċerka. Dan għandu jinkludi l-parteċipazzjoni ta' xjentisti, inklużi dawk minn xjenzi naturali rilevanti oħra mhux tal-baħar u mid-dixxiplini tax-xjenzi soċjali u ekonomiċi, li tiżgura l-multidixxiplinarità meħtieġa fl-iżvilupp tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika, il-viżjoni strateġika tagħha u l-prijoritajiet tar-riċerka.

Għandu jiġi stabbilit Forum ta' Riċerka Settorjali (korp ta' rappreżentanti minn ministeri u atturi oħra li jittrattaw ir-riċerka u l-governanza tas-Sistema tal-Baħar Baltiku) bħala korp permanenti għas-sostenn ta' BONUS u jkun responsabbli għad-diskussjoni dwar l-ippjanar, ir-riżultati u l-bżonnijiet emerġenti ta' riċerka tiegħu mill-perspettiva tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Forum għandu jiffaċilita u javvanza l-integrazzjoni pan-Baltika tar-riċerka, inkluż l-użu konġunt u l-ippjanar tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura, jassisti fl-enfasizzar tal-bżonnijiet ta' riċerka, javvanza l-użu tar-riżultati tar-riċerka, u jiffaċilita l-integrazzjoni tal-fondi tar-riċerka.

### 2.2.3. Il-Modalitajiet tal-Implimentazzjoni

Il-Modalitajiet tal-Implimentazzjoni għandhom jinkludu l-aspetti kollha li jiżguraw l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika. Huma għandhom, fejn xieraq, isegwu r-regoli tas-Seba' Programm Kwadru. Huma għandhom jikkonsistu, fost affarijiet oħra, mill-elementi li ġejjin:

(a) l-adozzjoni ta' miżuri (abbozzar ta' dokumenti, stabbiliment ta' proċeduri, reklutaġġ u taħriġ ta' persunal) meħtieġa bir-Regolament Finanzjarju għall-ġestjoni ċentralizzata indiretta;

(b) il-kisba ta' impenji formali mill-Istati Parteċipanti li jammontaw għal mill-inqas EUR 48,75 miljun, liema fosthom massimu ta' 25 % jista' jkun fil-forma ta' kontribuzzjoni infrastrutturali in natura;

(c) il-provvediment ta' stima realistika u bbażata fuq evidenza tal-valur tal-kontribuzzjoni infrastrutturali in natura tal-Istati Parteċipanti;

(d) il-kumpilazzjoni ta' lista kompluta tal-infrastrutturi kollha, inklużi l-kuntatti għas-sidien tagħhom, l-operaturi jew awtoritajiet oħra responsabbli, u l-ippubblikar u l-aġġornament tagħha kull meta jkun meħtieġ;

(e) l-iżgurar li jsir qbil dwar modalitajiet tal-implimentazzjoni komuni u li dawn ikunu stabbiliti għall-ftehimiet dwar il-fondi mal-benefiċjarji ta' BONUS, li jridu jiġu konklużi ċentralment mill-BONUS EEIG, inklużi regoli komuni u miftiehma għall-parteċipazzjoni, mudell ta' ftehim dwar il-fondi, linji gwida għall-applikanti, il-parteċipanti u l-evalwaturi indipendenti, u modalitajiet għall-verifika tal-benefiċjarji, inkluża l-possibbiltà li l-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jwettqu t-tali verifiki;

(f) l-iżvilupp ta' struttura ta' governanza adatta għall-ġestjoni ta' BONUS fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett;

(g) l-iżgurar li jiġi pprovdut finanzjament adegwat biex isaħħaħ BONUS EEIG f'termini ta' riżorsi umani u esperjenza professjonali multidixxiplinari li jippermettulu jsostni l-aspetti strateġiċi kif ukoll l-implimentazzjoni effiċjenti ta' BONUS;

(h) l-iżvilupp ta' struttura ta' finanzjament għall-proġetti ta' BONUS;

(i) l-iżvilupp ta' strateġija ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni li kemm jista' jkun tiżgura li r-riżultati u d-data jsegwu l-istandards tan-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni u Ġbir ta' Data dwar l-Ibħra.

Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet infrastrutturali in natura, għandhom jiġu żviluppati approċċ u regoli speċifiċi matul il-fażi strateġika fejn l-Istati Parteċipanti jintrabtu li jipprovdu lill-benefiċjarji ta' BONUS l-aċċess għal u l-użu ta' infrastruttura (b'mod partikolari bastimenti tar-riċerka) mingħajr ħlas. L-ispejjeż għall-użu ta' tali infrastruttura m'għandhomx ikunu spejjeż eliġibbli tal-proġett. F'dan ir-rigward, BONUS EEIG għandu jikkonkludi ftehimiet rilevanti mal-Istati Parteċipanti jew mas-sidien tal-infrastruttura, li għandhom:

(a) jiddefinixxu l-metodoloġija għall-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet infrastrutturali in natura;

(b) jiżguraw li BONUS EEIG, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri jistgħu jivverifikaw l-aċċess għal u l-użu tal-infrastruttura u l-ispejjeż li jirriżultaw minn dan;

(c) jistipulaw li l-partijiet kontraenti għandhom jirrapportaw annwalment dwar l-ispejjeż imġarrba fil-provvediment tal-aċċess għal jew l-użu tal-infrastruttura lill-benefiċjarji ta' BONUS.

2.2.4. Finanzjament mill-Unjoni tal-Fażi Strateġika

L-ispejjeż eliġibbli għandhom jitħallsu lura sa 50 % u għandhom ikunu dawk l-ispejjeż li fil-fatt jiġġarrab mill-BONUS EEIG u rreġistrati fil-kontijiet tiegħu bħala meħtieġa għat-twettiq tal-objettiv identifikat fil-punt 1. L-ispejjeż jistgħu jkunu eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2010 u għandhom jiġu definiti aħjar fil-ftehim dwar il-fondi għall-fażi strateġika.

## 3. **Fażi tal-implimentazzjoni**

Sakemm il-kondizzjonijiet kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3(3) jkunu fis-seħħ u l-verifika ex-ante ta' BONUS EEIG tkun pożittiva, il-Kummissjoni u BONUS EEIG għandhom jikkonkludu l-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni.

3.1. *Objettivi*

Matul il-fażi tal-implimentazzjoni għandhom jiġu ppubblikati u mwettqa sejħiet konġunti għal proposti bl-għan li jiġu ffinanzjati proġetti b'miri strateġiċi ta' BONUS li jittrattaw l-objettivi ta' BONUS. Is-suġġetti għandhom jittieħdu mill-Aġenda tar-Riċerka Strateġika ta' BONUS, jirrispettaw kemm jista' jkun il-pjan direzzjonali stabbilit u jkopru attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u taħriġ u/jew disseminazzjoni.

3.2. *Implimentazzjoni ta' Proġetti ta' BONUS*

Il-proġetti ta' BONUS għandhom jiġu implimentati permezz ta' proġetti transnazzjonali b'diversi msieħba li jinvolvu mill-inqas tliet entitajiet ġuridiċi eliġibbli indipendenti minn tliet Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti, li mill-inqas tnejn minnhom għandhom ikunu minn Stati Parteċipanti ta' BONUS.

Entitajiet ġuridiċi minn Stati Membri u pajjiżi assoċjati jistgħu jirċievu fondi ta' BONUS. Kwalunkwe konsorzju li jippreżenta proposta għal proġett ta' BONUS jista' jinkludi parteċipanti minn pajjiż terz bil-kondizzjoni li jista' jiżgura realistikament li għandu r-riżorsi meħtieġa biex ikopri l-ispejjeż kollha tal-parteċipazzjoni tiegħu.

Kull sejħa għal proposti għandha tindika b'mod ċar is-suġġetti xjentifiċi. Dawk is-suġġetti għandhom jiġu identifikati mill-BONUS EEIG f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Meta jidentifikaw is-suġġetti, dawn għandhom jieħdu kont tal-bżonnijiet emerġenti, ir-riżultati u l-effetti tal-proġetti implimentati qabel u l-konsultazzjonijiet ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati li seħħew waqt il-fażi strateġika u matul BONUS.

BONUS EEIG għandu jippubblika s-sejħiet għal proposti fuq medda wiesgħa kemm jista' jkun, bl-użu speċifiku ta' appoġġ informatiku, b'mod partikolari siti tal-Internet dwar is-Seba' Programm Kwadru u jindirizza l-partijiet interessati rilevanti kollha permezz tal-istampa speċjalizzata u fuljetti. Is-sejħiet għal proposti għandhom jibqgħu miftuħa għal mill-inqas tliet xhur. Il-proġetti proposti għandhom jiġu ppreżentati ċentralment mill-applikanti lil BONUS EEIG bi tweġiba għas-sejħiet u bi proċedura ta' evalwazzjoni fi stadju wieħed.

Il-proġetti proposti għandhom jiġu evalwati u magħżula ċentralment fuq il-bażi ta' analiżi indipendenti fid-dawl ta' kriterji definiti ta' eliġibilità, ta' għażla u ta' attribuzzjoni. Il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-qofol għandhom ikunu l-eċċellenza xjentifika, il-kwalità tal-implimentazzjoni u l-impatt mistenni tal-proġetti. Is-sejħiet għal proposti għandhom jinkorporaw il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-qofol. Jistgħu jiġu introdotti kriterji addizzjonali bil-kondizzjoni li jiġu ppubblikati fis-sejħa għal proposti, mhumiex diskriminatorji u ma jirbħux fuq il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-qofol.

BONUS EEIG għandu jiżgura li kull proposta li jirċievi tiġi evalwata bl-assistenza ta' mill-inqas tliet esperti indipendenti maħtura minnu fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1906/2006. Kull proposta ta' proġett għandha tiġi klassifikata. L-esperti indipendenti għandhom iqabblu l-proġetti mal-kriterji ta' evalwazzjoni u jagħtuhom punteġġ fuq skala minn 0 sa 5 għal kull kriterju konformement mar-regoli għall-preżentazzjoni tal-proposti, u l-proċeduri relatati ta' evalwazzjoni, għażla u attribuzzjoni tas-Seba' Programm Kwadru.

BONUS EEIG għandu jistabbilixxi lista ta' finanzjamenti li ssegwi bir-reqqa r-riżultati tal-evalwazzjoni indipendenti. Il-klassifika stabbilita mill-esperti indipendenti għandha titqies vinkolanti għall-allokazzjoni tal-fondi ta' BONUS.

Il-ġestjoni amministrativa tal-fondi mogħtija lill-proġetti magħżula ta' BONUS għandha tkun taħt ir-responsabbiltà ċentrali ta' BONUS EEIG.

3.3. *Aktar Attivitajiet*

Minbarra l-ġestjoni ta' BONUS imfissra fil-punti 3.1 u 3.2., BONUS EEIG għandu jiżvolġi wkoll l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-aġġornament regolari tal-Aġenda tar-Riċerka Strateġika u l-prijoritizzazzjoni tat-temi tar-riċerka b'kont meħud tal-bżonnijiet emerġenti u r-riżultati u l-effetti tal-proġetti implimentati qabel u fuq il-bażi ta' proċeduri ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati msemmija fil-punt 2.2.2;

(b) il-faċilitazzjoni tal-aċċess għal gruppi ta' riċerka transnazzjonali u multidixxiplinari minn proġetti ffinanzjati mill-BONUS għal infrastrutturi u faċilitajiet uniċi tar-riċerka;

(c) il-promozzjoni tal-konnessjoni effettiva bejn ix-xjenza u l-politika biex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżultati tar-riċerka;

(d) il-kisba tal-finanzjamenti mill-Istati Parteċipanti li jiżguraw is-sostenibilità ta' BONUS mingħajr il-fondi tal-Unjoni fil-perijodu ta' wara BONUS;

(e) iż-żieda fil-kollaborazzjoni bejn il-programmi ta' riċerka ambjentali reġjonali u l-komunitajiet tax-xjenza rilevanti fil-baċini tal-baħar l-oħra Ewropej;

(f) attivitajiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni;

(g) BONUS EEIG għandu jimpenja ruħu b'mod proattiv biex jaqsam l-aħjar prattika mal-baċini tal-baħar reġjonali l-oħra Ewropej, kif ukoll jartikola tajjeb fil-livell pan-Ewropew sabiex tinkiseb armonizzazzjoni u simplifikazzjoni.

3.4. *Kontribuzzjonijiet matul il-Fażi tal-Implimentazzjoni*

Il-fażi tal-implimentazzjoni ta' BONUS għandha tkun kofinanzjata mill-Istati Parteċipanti u l-Unjoni fuq perijodu minimu ta' ħames snin sakemm iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-BONUS ikun intemm, bil-kondizzjoni li l-impenji mill-Unjoni jkunu ġew osservati sal-2013 u l-obbligi kollha ta' rappurtar lill-Kummissjoni jiġu sodisfatti. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni matul il-fażi tal-implimentazzjoni għandha tkun ugwali għall-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u infrastrutturali in natura mill-Istati Parteċipanti lill-proġetti ta' BONUS li jsiru permezz ta' BONUS EEIG kif ukoll l-ispejjeż tal-operat imġarrba mill-BONUS EEIG fil-fażi tal-implimentazzjoni. Dawn l-ispejjeż tal-operat ma jistgħux jaqbżu l-EUR 5 miljuni.

BONUS EEIG għandu jkun ir-riċevitur u l-amministratur tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni. Stat Parteċipant jista' jiddeċiedi li jamministra l-finanzjament nazzjonali tiegħu u jirriżerva l-kontribuzzjoni tiegħu fi flus kontanti esklużivament għar-riċerka domestika li tingħażel fil-livell ċentrali jew li l-kontribuzzjoni tiegħu fi flus kontanti tiġi amministrata ċentralment mill-BONUS EEIG.

Soġġett għall-kondizzjonijiet miftiehma fil-ftehimiet finanzjarji annwali msemmija fl-Artikolu 5(2), il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas fuq il-bażi ta' evidenza ta' ħlas tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-Istati Parteċipanti lill-benefiċjarji ta' BONUS jew lil BONUS EEIG u l-għoti ta' kontribuzzjonijiet infrastrutturali in natura għal proġetti ta' BONUS.

L-użu korrett tal-fondi ta' BONUS mill-benefiċjarji għandu jkun ir-responsabbiltà ta' BONUS EEIG, u għandu jiġi stabbilit mill-verifika finanzjarja indipendenti tal-proġetti li għandha titwettaq minn BONUS EEIG, jew f'ismu.

3.5. *Finanzjament ta' Proġetti ta' BONUS*

Soġġett għall-punt (f) tal-Artikolu 3(3), il-finanzjament ta' proġetti ta' BONUS għandu jkopri sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli li jiġu kalkulati konformement mar-regoli komuni tal-finanzjament u r-rati komuni tal-finanzjament, kif stabbilit mill-BONUS EEIG fil-Modalitajiet tal-Implimentazzjoni u bil-qbil tal-Kummissjoni fil-Ftehim tal-Implimentazzjoni.

*ANNESS II*

**GOVERNANZA TA’ BONUS**

BONUS għandu jitmexxa minn BONUS EEIG permezz tas-Segretarjat tiegħu. BONUS EEIG stabbilixxa l-istrutturi li ġejjin għall-finijiet ta’ BONUS:

(a) il-Kumitat ta’ Tmexxija,

(b) is-Segretarjat,

(c) il-Bord Konsultattiv,

(d) il-Forum tar-Riċerka Settorjali, u

(e) il-Forum tal-Koordinaturi tal-Proġetti.

(a) *Il-Kumitat ta’ Tmexxija* għandu jkun l-ogħla awtorità ta’ BONUS EEIG, u jkun il-korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-bord li jikkontrolla s-segretarjat tiegħu. Il-Kumitat ta’ Tmexxija għandu jkun magħmul minn uffiċjali għolja tal-istituzzjonijiet ta’ finanzjament u ġestjoni tar-riċerka maħtura mill-membri ta’ BONUS EEIG. Huwa għandu jkollu President, liema pożizzjoni għandha tinbidel kull sena b’rotazzjoni fost il-membri ta’ BONUS EEIG. Il-Presidenti preċedenti, attwali u futuri għandhom jiffurmaw il-Kumitat Eżekuttiv li jappoġġa lis-Segretarjat fi kwistjonijiet ta’ importanza strateġika. B’kont meħud tal-proposti mis-Segretarjat, il-Kumitat ta’ Tmexxija għandu jiddeċiedi dwar l-orjentazzjoni strateġika ta’ BONUS, inklużi d-deċiżjonijiet dwar id-definizzjoni u l-aġġornament ta’ BONUS, dwar l-ippjanar tas-sejħiet għal proposti, dwar il-profil tal-baġit, dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà u l-għażla, dwar il-grupp tal-evalwaturi, dwar l-approvazzjoni tal-klassifika tal-proġetti ta’ BONUS li għandhom jiġu ffinanzjati, dwar il-monitoraġġ tal-progress tal-proġetti ta’ BONUS iffinanzjati u dwar is-superviżjoni tal-ħidma adegwata u ordinata tas-Segretarjat rigward BONUS.

(b) *Is-Segretarjat* għandu jkollu bħala kap id-Direttur Eżekuttiv, li għandu jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta’ Tmexxija u għandu jaġixxi bħala r-rappreżentant prinċipali ta’ BONUS kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għad-diversi aġenziji ta’ finanzjament nazzjonali. Is-Segretarjat għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni ġenerali u l-monitoraġġ tal-attivitajiet ta’ BONUS, il-pubblikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-eżitu tas-sejħiet u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati, kemm mill-perspettiva kuntrattwali kif ukoll dik xjentifika u għar-rappurtar dwar il-progress lill-Kumitat ta’ Tmexxija. Huwa għandu jkun responsabbli wkoll għall-ippjanar u l-organizzazzjoni tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati u l-Bord Konsultattiv u l-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni sussegwenti tagħhom fl-Aġenda tar-Riċerka Strateġika u l-promozzjoni ta’ konnessjonijiet effettivi bejn ix-xjenza u l-politika.

(c) *Il-Bord Konsultattiv* għandu jassisti lill-Kumitat ta’ Tmexxija u lis-Segretarjat. Huwa għandu jkun magħmul minn xjentisti ta’ kalibru għoli internazzjonali, rappreżentanti tal-partijiet interessati rilevanti, inkluż pereżempju fil-qasam tat-turiżmu, l-enerġija rinnovabbli, is-sajd u l-akkwakultura, it-trasport marittimu, il-bijoteknoloġija u t-teknoloġija u li jinkludu organizzazzjonijiet kemm tal-industirja kif ukoll tas-soċjetà ċivili b’interess f’dawk is-setturi, programmi oħra ta’ riċerka Baltiċi integrati u ibħra reġjonali oħra Ewropej. Huwa għandu jipprovdi pariri, gwida u rakkomandazzjonijiet indipendenti fir-rigward ta’ kwistjonijiet xjentifiċi u relatati mal-politika ta’ BONUS, inklużi pariri dwar l-objettivi, il-prijoritajiet u d-direzzjoni ta’ BONUS, metodi ta’ kif jissaħħaħ ir-rendiment ta’ BONUS u l-kisba u l-kwalità tar-riżultati tar-riċerka tiegħu, il-bini tal-kapaċitajiet, in-netwerking, u r-rilevanza tal-ħidma għall-kisba tal-objettivi ta’ BONUS. Huwa għandu jassisti wkoll fl-użu u d-disseminazzjoni tar-riżultati ta’ BONUS.

(d) *Il-Forum tas-Riċerka Settorjali* għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mill-ministeri u atturi oħra li jittrattaw ir-riċerka u l-governanza tas-Sistema tal-Baħar Baltiku. Huwa għandu jiltaqa’ darba fis-sena għal konsultazzjoni li tiddiskuti r-riżultati ta’ BONUS u l-bżonnijiet ta’ riċerka emerġenti mill-perspettiva tat-teħid ta’ deċiżjonijiet. Huwa għandu jservi bħala l-forum għall-avvanz tal-integrazzjoni tar-riċerka pan-Baltika li tinkludi r-riċerka rilevanti ffinanzjata settorjalment u l-użu u l-ippjanar ta’ infrastrutturi konġunti.

(e) *Il-Forum tal-Koordinaturi tal-Proġetti* għandu jkun magħmul mill-koordinaturi tal-proġetti ffinanzjati permezz ta’ BONUS. Huwa għandu jassisti lis-Segretarjat fi kwistjonijiet li jittrattaw il-koordinazzjoni xjentifika ta’ BONUS u l-integrazzjoni u s-sintesi tar-riżultati tar-riċerka.

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 863/2010

## tad-29 ta' Settembru 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 967/2006 fir-rigward tad-dati ta' skadenza applikabbli għall-esportazzjoni u l-intaxxar taz-zokkor prodott li jaqbeż il-kwota

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 134 u 161(3), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 967/2006 tad-29 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 rigward produzzjoni taz-zokkor li taqbeż il-kwota ([2]) jistabbilixxi dati ta' skadenza li huma applikabbli għall-esportazzjoni u l-intaxxar taz-zokkor li jaqbeż il-kwota.

(2) L-Artikolu 19(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 967/2006 jistipula li fil-każ tal-esportazzjoni tal-produzzjoni li taqbeż il-kwota, il-manifatturi għandhom jibagħtu l-provi mitluba tal-esportazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru qabel l-1 ta' April tas-sena ta' wara s-sena kummerċjali li fiha ġie prodott l-ammont żejjed.

(3) Fil-każ ta' ċerti destinazzjonijiet li mhumiex eliġibbli biex jesportaw iz-zokkor u/jew l-iżoglukożju prodott li jaqbżu l-kwota, il-manifatturi huma mitluba jibagħtu prova ta' twassil fid-destinazzjoni skont l-Artikolu 4c tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 ([3]). L-esperjenza wriet li fil-każ ta' ċerti destinazzjonijiet, jista' jkun li wieħed idum iktar sabiex ikseb id-dokumenti meħtieġa kollha. Għalhekk huwa xieraq li tingħata l-possibbiltà li d-data ta' skadenza f'dawn il-każijiet tiġi estiża.

(4) Meta d-data ta' skadenza tal-bgħit tal-provi tal-esportazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tiġi estiża, għandhom jiġu aġġustati wkoll id-data ta' skadenza għall-Istat Membru biex jinnotifika t-taxxa kollha li għandha titħallas mill-manifatturi u d-data ta' skadenza biex dawn iħallsu t-taxxa. Bl-istess mod, għandha tiġi mmodifikata d-data ta' skadenza ffissata għall-Istati Membri biex dawn jistabbilixxu u jikkomunikaw l-kwantitajiet żejda lill-Kummissjoni.

(5) L-Artikoli 3, 4 u 19 tar-Regolament (KE) Nru 967/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 967/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 3(2), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Jekk l-Istati Membri jagħmlu użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 19(3), id-dati ta' skadenza stipulati fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu l-1 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru rispettivament."

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2006, p. 22.
([3]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

(2) Fl-Artikolu 4(3), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Jekk l-Istati Membri jagħmlu użu mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 19(3), id-data ta' skadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu għandha tkun il-31 ta' Diċembru".

(3) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2(c)(ii) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) id-dokumenti msemmijin fl-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament (KE) Nru 376/2008 u, fil-każ li ċerti destinazzjonijiet ma jkunux eliġibbli biex jesportaw zokkor u/jew l-iżolglukożju li jaqbżu l-kwota, id-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 4c tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, meħtieġa biex jirrilaxxaw il-garanzija."

(b) Għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fil-każ li ċerti destinazzjonijiet ma jkunux eliġibbli biex jesportaw zokkor u/jew iżoglukożju prodott li jaqbżu l-kwota, l-Istati Membri jistgħu, fuq talba bil-miktub tal-manifattur, jestendu d-data ta' skadenza tal-1 ta' April stipulata fil-paragrafu 2(c) b'mhux iktar minn 6 xhur biex jibagħtu d-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 2(c)(ii)".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 864/2010

## tad-29 ta' Settembru 2010

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 84,4 |
| | MK | 52,7 |
| | TR | 50,2 |
| | ZZ | 62,4 |
| 0707 00 05 | TR | 128,7 |
| | ZZ | 128,7 |
| 0709 90 70 | TR | 115,8 |
| | ZZ | 115,8 |
| 0805 50 10 | AR | 126,2 |
| | CL | 124,0 |
| | EG | 66,3 |
| | IL | 120,5 |
| | MA | 157,0 |
| | TR | 97,5 |
| | UY | 128,7 |
| | ZA | 102,7 |
| | ZZ | 115,4 |
| 0806 10 10 | TR | 118,2 |
| | ZA | 56,9 |
| | ZZ | 87,6 |
| 0808 10 80 | AR | 56,1 |
| | AU | 217,4 |
| | BR | 48,8 |
| | CL | 112,7 |
| | CN | 82,6 |
| | NZ | 95,9 |
| | US | 85,0 |
| | ZA | 82,8 |
| | ZZ | 97,7 |
| 0808 20 50 | CN | 81,6 |
| | ZA | 88,6 |
| | ZZ | 85,1 |
| 0809 30 | TR | 187,5 |
| | ZZ | 187,5 |
| 0809 40 05 | BA | 53,5 |
| | IL | 173,4 |
| | MK | 45,0 |
| | ZZ | 90,6 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 865/2010

## tad-29 ta' Settembru 2010

## li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tal-butir għas-seba' stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 446/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 43(j), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2010 ([2]) fetaħ il-bejgħ tal-butir permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku ([3]).

(2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għal stediniet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz minimu tal-bejgħ jew għandha tiddeċidi li ma tiffissax prezz minimu tal-bejgħ, skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009.

(3) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għas-seba' stedina individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ għall-butir maħżun Franza minħabba l-kwantità żgħira ħafna maħżuna f'dak l-Istat Membru. Ma għandux jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ għall-butir maħżun fi Stati Membri oħrajn.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-seba' stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tal-butir fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 446/2010, li għaliha ż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fil-21 ta' Settembru 2010, il-prezz minimu għall-bejgħ tal-butir maħżun Franza għandu jkun EUR 356,00/100 kg.

Fil-qafas ta' dik l-istedina individwali għall-offerti ma għandu jiġi ffissat l-ebda prezz minimu tal-bejgħ għall-butir maħżun fi Stati Membri oħrajn apparti Franza.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 126, 22.5.2010, p. 17.
([3]) ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

**tas-27 ta' Settembru 2010**

**li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu biex japplikaw miżura b'deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

(2010/579/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittri rreġistrati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fil-15 ta' Ottubru u t-18 ta' Novembru 2009 rispettivament, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu talbu awtorizzazzjoni biex japplikaw miżura b'deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tar-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni ta' pont bejn il-fruntieri.

(2) Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni, b'ittra bid-data tal-25 ta' Frar 2010, informat lill-Istati Membri l-oħra dwar it-talbiet magħmula mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu. B'ittra bid-data tat-2 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni infurmat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu li kellha l-informazzjoni kollha neċessarja biex tikkunsidra t-talbiet.

(3) L-għan tal-miżura huwa, għall-provvista ta' oġġetti u servizzi, akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u importazzjonijiet ta' oġġetti maħsuba għar-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni sussegwenti ta' pont bejn il-fruntieri fuq il-Mosel, li l-pont u s-sit ta' kostruzzjoni jiġu kkunsidrati bħala interament fuq it-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu skont ftehim bejn iż-żewġ pajjiżi.

(4) Fin-nuqqas ta' tali miżura, ikun neċessarju li jiġi vverifikat jekk il-post ta' tassazzjoni kienx ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jew il-Gran Dukat tal-Lussemburgu. Xogħol li jsir fuq pont tal-fruntiera fuq territorju Ġermaniż għandu jkun suġġett għal taxxa fuq il-valur miżjud fil-Ġermanja waqt li x-xogħol li jsir fuq territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu għandu jkun suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud fil-Lussemburgu. B'żieda ma' dan, il-pont jaqsam territorju ta' ġestjoni konġunta (condominium) u x-xogħol f'din iż-żona ma jistax jiġi attribwit esklussivament għat-territorju ta' wieħed miż-żewġ Stati Membri fir-rigward ta' determinazzjoni ta' post uniku ta' provvista.

(5) Għalhekk, l-għan ta' din il-miżura huwa li jissimplifika l-proċedura għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq ir-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni tal-pont ikkonċernat.

(6) Din id-deroga mhux se jkollha impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni pprovduti mit-taxxa fuq il-valur miżjud,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu huma b'dan awtorizzati, fir-rigward tal-pont eżistenti bejn il-fruntieri fuq ix-xmara Mosel li jorbot it-toroq B 419 fil-Ġermanja u l-N1 fil-Lussemburgu bejn Wellen u Grevenmacher, jikkunsidraw dak il-pont u s-sit ta' kostruzzjoni tiegħu bħala interament fit-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu għall-iskopijiet ta' provvista ta' oġġetti u servizzi, akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u importazzjonijiet ta' oġġetti maħsuba għar-rinnovazzjoni jew manutenzjoni sussegwenti ta' dak il-pont.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Settembru 2010

## li tawtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi biex japplika miżuri ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

**(Il-verżjoni Olandiża biss hija awtentika)**

(2010/580/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fid-29 ta' Jannar 2010, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talab awtorizzazzjoni biex japplika miżuri fiskali speċjali fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti kif awtorizzat preċedentement għal perijodu limitat mid-Deċiżjoni 2007/740/KE ([2]).

(2) F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra b'ittra datata l-25 ta' Frar 2010 dwar it-talba li saret mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. B'ittra datata t-2 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.

(3) L-arranġament għandu jawtorizza lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi japplika skema, fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti, biex tgħaddi l-obbligu tas-sottokuntrattur li jħallas il-VAT lill-awtoritajiet fiskali mis-sottokuntrattur għal fuq l-intrapriża tal-ħwejjeġ (il-kuntrattur). L-iskema għandha tikkostitwixxi proċedura ta' ħlas riversibbli ikkonfinata għal operazzjonijiet fil-bidu tal-katina kummerċjali, u għalhekk hija ma tkunx tapplika għal operaturi li jbiegħu lill-konsumatur finali. Il-proċedura għandha l-għan li tiġġieled kontra frodi ta' natura speċifika fis-suq domestiku tal-manifattura.

(4) Tali arranġamenti urew fil-passat li huma miżura effettiva ta' prevenzjoni f'settur li fih il-ġbir tal-VAT huwa diffiċli minħabba l-problemi ta' identifikar u sorveljanza tal-attivitajiet tas-sottokuntratturi. Il-miżura mitluba għalhekk għandha titqies bħala miżura biex twaqqaf ċerti tipi ta' evażjoni u evitar tat-taxxa fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti.

(5) Il-post li fih issir il-manifattura tal-ħwejjeġ lesti huwa influwenzat minn spejjeż baxxi ta' xogħol u s-sottokuntratturi jistgħu jirrilokaw b'mod faċli minn pajjiż għal ieħor. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2007/740/KE irrikjediet li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jissorvelja u jivvaluta l-impatt ta' dawk il-fatturi fuq l-effettività tad-deroga u jippreżenta rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2009.

(6) Dak ir-rapport kien jindika li l-inċidenza tal-frodi naqset b'mod konsiderevoli u li l-għadd ta' intrapriżi tal-ħwejjeġ lesti li kienu jikkwalifikaw għall-proċedura ta' ħlas riversibbli taħt id-Deċiżjoni 2007/740/KE naqas b'ritmu kostanti b'riżultat tal-miżura ta' deroga u l-iżvilupp tas-swieq internazzjonali. Konsegwentement, fir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi qed terġa' tinkiseb l-istabbiltà fis-settur tal-ħwejjeġ lesti.

(7) Sabiex jintemm dak il-proċess, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talab li l-miżura tkun estiża għall-perjodu limitat u ħabbar, fl-istess waqt, li fl-2011 trid tittieħed deċiżjoni finali dwar l-abolizzjoni possibli tal-miżura. Hu għalhekk xieraq li d-deroga tkompli tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012.

(8) Fil-każ li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidra estensjoni oħra tal-miżura ta' deroga lil hinn mill-2012, għandu jintbagħat rapport ġdid ta' valutazzjoni lill-Kummissjoni flimkien ma' dik it-talba għal estensjoni mhux aktar tard mill-1 ta' April 2012.

(9) Id-deroga ma għandhiex ikollha effett ħażin fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea li jiġu mit-taxxa tal-valur miżjud u lanqas ma taffettwa l-ammont tal-VAT impost fl-aħħar stadju tal-konsum.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 li tawtorizza lir-Renju tal-Olanda biex japplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, (ĠU L 300, 17.11.2007, p. 71).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa b'dan awtorizzat li japplika skema sal-31 ta' Diċembru 2012 fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti biex tgħaddi l-obbligi tas-sottokuntratturi li jħallsu l-VAT lill-awtoritajiet fiskali, mis-sottokuntrattur għal fuq l-intrapriża tal-ħwejjeġ (il-kuntrattur).

*Artikolu 2*

Kwalunkwe talba biex tiġi estiża l-miżura lil hinn mill-2012 għandha tkun akkumpanjata mill-preżentazzjoni ta' rapport lill-Kummissjoni mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, partikolarment fir-rigward tal-effettività tal-miżura u kwalunkwe evidenza tar-rilokazzjoni ta' sottokuntratturi fl-industrija tal-ħwejjeġ lesti lejn pajjiżi oħrajn, u għandu jintbagħat sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2012.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Settembru 2010

## li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 26(1)(a) u l-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(2010/581/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) B'ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fis-16 ta' Novembru 2009, il-Polonja talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali li tidderoga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE li jirregolaw id-dritt tat-tnaqqis tat-taxxa fuq ix-xiri ("il-miżura speċjali").

(2) B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba magħmula mill-Polonja permezz ta' ittra datata l-14 ta' Diċembru 2009. Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Polonja li hi kellha l-informazzjoni kollha li kienet tikkunsidra meħtieġa sabiex tqis it-talba.

(3) Il-Polonja tapplika limitazzjoni tat-tnaqqis tal-VAT għall-karrozzi tal-passiġġieri. Madankollu, xi vetturi bil-mutur apparti l-karrozzi tal-passiġġieri huma, minħabba n-natura tad-disinn tagħhom, ugwalment tajbin kemm għall-użu privat kif ukoll għal skopijiet ta' negozju.

(4) Bħalissa, fejn persuna taxxabbli jkollha l-intenzjoni li tuża għal skopijiet privati vettura diversa minn karrozza tal-passiġġieri li fuqha hija tkun naqqset it-taxxa fuq ix-xiri kollha jew parzjalment max-xiri, l-akkwist intra-komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri jew lease, hija obbligata tagħti rendikont għat-taxxa fuq il-bejgħ għal dak l-użu. Madankollu, huwa diffiċli għal persuna taxxabbli li tistabbilixxi, bi kwalunkwe grad ta' eżattezza, l-użu privat u huwa diffiċli għall-awtoritajiet tat-taxxa li jagħmlu moniterȧġġ tiegħu.

(5) Sabiex tkun issimplifikata l-proċedura għall-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u sabiex ikunu prevenuti l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, il-Polonja qed titlob deroga sabiex tirrestrinġi d-dritt ta' tnaqqis tal-VAT fir-rigward ta' vetturi bil-mutur apparti l-karrozzi tal-passiġġieri li jistgħu jintużaw kemm għan-negozju kif ukoll għal skopijiet personali għal 60 % tal-VAT imposta fuq ix-xiri, l-akkwist intra-komunitarju, l-importazzjoni, il-kiri jew lease tagħhom, sa ammont massimu ta' PLN 6 000, limitu intiż biex jipprevjeni t-tnaqqis eċċessiv tal-VAT fir-rigward ta' karozzi ta' lussu, li għandhom aktar probabbiltà li jintużaw għal skopijiet privati. Il-persuna taxxabbli ma tkunx sussegwentement iktar meħtieġa tagħti rendikont għat-taxxa fuq il-bejgħ fir-rigward tal-użu privat tal-karozza.

(6) Il-miżura speċjali għandha tapplika biss għal ċerti vetturi bil-mutur apparti l-karrozzi tal-passiġġieri b'kapaċità ta' tagħbija massima ta' aktar minn 500 kg u ta' piż massimu ta' 3,5 tunnellata. Il-vetturi intiżi biex iwettqu funzjoni speċifika bħal vetturi għall-assistenza fuq it-triq, karozzi tal-mejtin u vetturi għat-tagħbija, u vetturi biex jerġgħu jinbiegħu jew jinkrew ma għandhomx jaqgħu taħt id-deroga.

(7) L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu limitat u għalhekk għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba sa dakinhar tista' issir valutazzjoni jekk id-deroga tibqax ġustifikata.

(8) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika tal-Polonja hija b'dan awtorizzata tirrestrinġi għal 60 % id-dritt ta' tnaqqis tal-VAT fuq xiri, akkwist intra-komunitarju, importazzjoni, kiri jew lease ta' vetturi bil-mutur apparti l-karrozzi tal-passiġġieri, sa massimu ta' PLN 6 000.

Din ir-restrizzjoni għandha tapplika biss għal vetturi bil-mutur apparti l-karrozzi tal-passiġġieri b'kapaċità massima awtorizzata ta' tagħbija ta' aktar minn 500 kg u ta' piż massimu ta' 3,5 tunnellata.

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

L-Artikolu 1 ma għandux japplika għall-kategoriji ta' vetturi li ġejjin:

(a) vetturi mixtrija biex jerġgħu jinbiegħu, biex jinkrew jew jingħataw taħt lease;

(b) vetturi, li skont kriterji stabbiliti f'dispożizzjonijiet fiskali jistgħu jkunu kunsidrati bħala vetturi intiżi essenzjalment għat-trasport tal-merkanzija;

(c) vetturi intiżi biex jaqdu funzjoni speċifika;

(d) vetturi mfassla għall-ġarr ta' mill-anqas 10 persuni, inkluż is-sewwieq.

*Artikolu 3*

B'deroga mill-Artikolu 26(1)(a) tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika tal-Polonja hija awtorizzata li ma tittrattax bħala provvista ta' servizzi bi ħlas l-użu privat, minn persuna taxxabbli jew mill-persunal tagħha, jew, b'mod iktar ġenerali, għal skopijiet apparti dawk tan-negozju tagħha, ta' vettura li għaliha tapplika r-restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Hija għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta’ Settembru 2010

## li tawtorizza lir-Repubblika ta’ Franza u lir-Repubblika Taljana biex jintroduċu miżura speċjali ta’ deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud

(2010/582/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta’ ittri rreġistrati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fid-19 ta’ Ġunju 2009 u d-19 ta’ Novembru 2009 rispettivament, l-Italja u Franza talbu awtorizzazzjoni biex jintroduċu miżura speċjali ta’ taxxa fir-rigward tal-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà tat-Triq fil-Mina Col de Tende, kif ukoll għall-kostruzzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà ta’ mina ġdida parallela ma’ dik eżistenti (“il-miżura”).

(2) B’konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta’ ittri ddatati 14 ta’ Diċembru 2009 dwar it-talbiet li saru minn Franza u mill-Italja. Permezz ta’ ittri ddatati s-17 ta’ Diċembru 2009, il-Kummissjoni nnotifikat lil Franza u lill-Italja li hi kellha l-informazzjoni kollha li kienet tikkunsidra meħtieġa sabiex tqis it-talba.

(3) It-Triq fil-Mina Col de Tende hija triq ta’ kollegament permanenti bejn Franza u l-Italja. Taħt Ftehim tat-12 ta’ Marzu 2007 bejn dawn iż-żewġ Stati Membri l-Italja hija nominata bħala responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-mina eżistenti, kif ukoll għall-kostruzzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-mina l-ġdida li, meta titlesta, għandha ġġorr it-traffiku fid-direzzjoni opposta għal dak tal-mina eżistenti.

(4) Permezz tal-miżura, is-sit kollu tal-mina eżistenti, kif ukoll il-perimetru u s-sit ta’ kostruzzjoni tal-mina l-ġdida, se jkunu meqjusa li jinsabu fit-territorju tal-Italja għall-finijiet ta’ provvisti ta’ prodotti, servizzi, akkwisti intra-komunitarji ta’ prodotti u importazzjonijiet maħsuba għall-kostruzzjoni, operazzjoni, manutenzjoni u sigurtà rilevanti taż-żewġ mini. Fin-nuqqas ta’ tali miżura, ikun neċessarju, skont il-prinċipju tat-territorjalità, li jiġi aċċertat għal kull provvista jekk il-post ta’ tassazzjoni ikunx fi Franza jew fl-Italja.

(5) L-iskop tal-miżura huwa għalhekk li tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-mina eżistenti, kif ukoll fuq il-kostruzzjoni, l-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà tal-mina l-ġdida.

(6) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-ġbir tat-taxxa fuq il-valur miżjud,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B’deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika ta’ Franza u r-Repubblika Taljana huma awtorizzati jikkunsidraw is-sit kollu tat-Triq fil-Mina Col de Tende, flimkien mas-sit tal-kostruzzjoni tat-Triq fil-Mina ġdida Col de Tende li se tkun parallela mal-mina eżistenti, bħala li jinsabu fit-territorju tal-Italja għall-finijiet tal-provvista ta’ prodotti, servizzi, akkwisti intra-komunitarji u importazzjonijiet maħsuba għall-kostruzzjoni u għall-operazzjoni, manutenzjoni u sigurtà sussegwenti tal-mina l-ġdida, kif ukoll għall-operazzjoni, manutenzjoni u sigurtà tal-mina eżistenti.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta’ Franza u lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta’ Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta' Settembru 2010

## li tawtorizza lir-Rumanija biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(2010/583/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fit-23 ta' Ġunju 2009, ir-Rumanija talbet awtorizzazzjoni biex tintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE.

(2) B'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra permezz ta' ittra datata l-14 ta' Diċembru 2009 bit-talba tar-Rumanija. Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Rumanija li hi kellha l-informazzjoni kollha li kienet tikkunsidra meħtieġa sabiex tqis it-talba.

(3) L-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE jipprevedi li persuna taxxabbli li tipprovdi prodotti jew servizzi hija, bħala regola ġenerali, responsabbli għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) lill-awtoritajiet tat-taxxa. L-iskop tad-deroga mitluba mir-Rumanija huwa li tagħmel ir-riċevitur ta' provvisti ta' prodotti jew servizzi responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'żewġ tipi speċifiċi ta' ċirkostanzi. L-ewwel każ kopert huwa fejn persuni taxxabbli jipprovdu prodotti tal-injam kif definiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. It-tieni każ huwa meta l-prodotti u/jew servizzi jiġu provduti minn persuni taxxabbli, ħlief bejjiegħa bl-imnut, waqt li jkunu suġġetti għal proċedura ta' insolvenza.

(4) In-negozji li jkunu fi stat ta' insolvenza ta' spiss ma jkunux jistgħu jħallsu l-VAT, fuq il-provvisti ta' prodotti jew servizzi tagħhom, lill-awtoritajiet kompetenti minħabba diffikulatjiet finanzjarji. Madankollu, ir-riċevitur ta' dawn il-prodotti jew servizzi jista' fil-prinċipju jnaqqas il-VAT anki jekk din ma tkunx tħallset mill-fornitur lill-awtoritajiet kompetenti.

(5) Ladarba l-bejjiegħa bl-imnut isibuha diffiċli li jaċċertaw l-istatus tat-taxxa tal-klijenti tagħhom fil-post fejn isir il-bejgħ, l-inverżjoni tal-ħlas ma għandhiex tapplika għal bejjiegħa bl-imnut li jkunu suġġetti għal proċedura ta' insolvenza.

(6) Ir-Rumanija tiltaqa' wkoll ma' problemi fis-suq tal-injam minħabba n-natura tas-suq u n-negozji involuti. Is-suq għandu għadd kbir ta' impriżi żgħar li l-awtoritajiet Rumeni sabu diffiċli li jikkontrollaw. L-aktar forma komuni ta' evażjoni tat-taxxa sseħħ meta l-fornitur joħroġ fattura għal fornimenti li jagħmel u sussegwentement jisparixxi mingħajr ma jħallas it-taxxa lill-awtoritajiet kompetenti iżda jħalli lill-klijent fattura valida li biha dan ikollu d-dritt għal tnaqqis mit-taxxa.

(7) Bin-nominazzjoni tar-riċevitur bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT fil-każ tal-provvista ta' prodotti tal-injam minn persuni taxxabbli u fil-każ tal-provvista ta' merċi u ta' servizzi minn persuni taxxabbli, ħlief bejjiegħa bl-imnut, waqt li jkunu suġġetti għal proċedura ta' insolvenza, id-deroga twarrab id-diffikultajiet affaċċati mingħajr ma taffettwa l-ammont ta' taxxa li jkun dovut. Dan għandu l-effett li jipprevjeni ċerti tipi ta' evazjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

(8) Il-miżura hija proporzjonata għall-għanijiet segwiti peress li mhijiex maħsuba biex tapplika b'mod ġenerali, iżda biss għal operazzjonijiet u setturi speċifiċi li jippreżentaw problemi konsiderevoli marbutin mal-ħlas tat-taxxa jew mal-evażjoni jew l-evitar tat-taxxa.

(9) L-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata fir-rigward ta' żmien sal-31 ta' Diċembru 2013. Fid-dawl tal-esperjenza miksuba sa dik id-data tista' ssir evalwazzjoni dwar jekk id-deroga tibqax ġustifikata jew le.

(10) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Rumanija hija b'dan awtorizzata sal-31 ta' Diċembru 2013 li tinnomina l-persuna taxxabli li tirċievi l-provvisti ta' merkanzija jew servizzi imsemmija fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa.

([1]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 għandha tapplika għal:

(a) provvisti, minn persuni taxxabbli, ta' prodotti tal-injam, inklużi siġar għall-produzzjoni tal-injam, injam biex jinħadem fit-tond jew bix-xaqq, injam għall-użu bħala karburant, prodotti lesti tal-injam, kif ukoll injam imxellef jew bit-truf kwadri u injam mhux irfinut, u injam proċessat jew nofsu maħdum;

(b) provvisti ta' merċi u ta' servizzi minn persuni taxxabbli, ħlief bejjiegħa bl-imnut, waqt li jkunu suġġetti għal proċedura ta' insolvenza.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tas-27 ta’ Settembru 2010

## li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex tapplika miżura ta’ deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud

(2010/584/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 291(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud [1] (“id-Direttiva dwar il-VAT”), u partikolarment l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) B’ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fis-17 ta’ Frar 2010, il-Latvja talbet awtorizzazzjoni għal miżura ta’ deroga mill-Artikolu 287(10) tad-Direttiva dwar il-VAT sabiex teżenta persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom ma jaqbiżx EUR 50 000 (“il-miżura”). Tali deroga teħles lil dawk il-persuni taxxabbli minn ċerti obbligazzjonijiet, jew mill-obbligazzjonijiet kollha, relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud (“VAT”), imsemmija fil-Kapitoli 2 sa 6 tat-Titolu XI tad-Direttiva dwar il-VAT.

(2) B’konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva dwar il-VAT, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra b’ittra datata l-4 ta’ Mejju 2010 bit-talba li saret mil-Latvja. Permezz ta’ ittra datata s-7 ta’ Mejju 2010, il-Kummissjoni nnotifikat lil-Latvija li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tqis it-talba.

(3) Diġà hemm skema speċjali għall-impriżi ż-żgħar bħala għażla disponibbli għall-Istati Membri taħt it-Titolu XII tad-Direttiva dwar il-VAT. Il-miżura tidderoga mit-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT sa fejn biss il-limitu għall-iskema speċjali tal-fatturat annwali tal-persuna taxxabbli jkun ogħla minn dak preżentement permess għal-Latvja taħt l-Artikolu 287(10) tad-Direttiva dwar il-VAT, li huwa EUR 17 200.

(4) Limitu ogħla għall-iskema speċjali jista’ jnaqqas b’mod sinifikanti l-obbligi tal-VAT tal-iżgħar negozji, filwaqt li dik l-iskema speċjali hija fakoltattiva għall-persuni taxxabbli u tippermetti lin-negozji li jagħżlu l-arranġamenti normali tal-VAT.

(5) Fil-proposta tagħha għal Direttiva li tissimplifika l-obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud tad-29 ta’ Ottubru 2004 [2], il-Kummissjoni inkludiet dispożizzjonijiet maħsuba biex jippermettu lill-Istati Membri jistabbilixxu l-limitu massimu tal-fatturat annwali għall-iskema ta’ eżenzjoni mill-VAT sa EUR 100 000 jew l-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali, bil-possibbiltà li dan l-ammont ikun aġġornat kull sena. It-talba ppreżentata mil-Latvja hi konformi ma’ din il-proposta.

(6) Id-deroga ma jkollhiex impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mit-taxxa fuq il-valur miżjud,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B’deroga mill-Artikolu 287(10) tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Repubblika tal-Latvja hija awtorizzata li teżenta mill-VAT lil persuni taxxabbli li l-fatturat annwali tagħhom m’huwiex ogħla mill-ekwivalenti fil-valuta nazzjonali ta’ EUR 50 000 bir-rata ta’ konverżjoni fil-jum tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tan-notifika tagħha.

Hija għandha tiskadi jew fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li temenda l-ammonti tal-limiti massimi ta’ fatturat annwali li taħthom il-persuni taxxabbli jistgħu jikkwalifikaw għal eżenzjoni mill-VAT jonkella fil-31 ta’ Diċembru 2013, skont liema data sseħħ l-ewwel.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta’ Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS

---

[1] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[2] ĠU C 24, 29.1.2005, p. 8.

III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA’ SORVELJANZA TAL-EFTA

**Nru 43/10/COL**

**tal-10 ta’ Frar 2010**

**li temenda l-lista miġbura fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li telenka postijiet ta’ spezzjoni fuq il-fruntiera fl-Iżlanda u fin-Norveġja miftiehma għal verifiki veterinarji fuq annimali ħajjin u fuq prodotti minn pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 301/08/COL tal-21 ta’ Mejju 2008 tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA**

L-AWTORITÀ TA’ SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, partikolarment l-Artikolu 109 u Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-twaqqif ta’ Awtorità ta’ Sorveljanza u ta’ Qorti tal-Ġustizzja, partikolarment l-Artikolu 5(2)(d) u l-Protokoll 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-punti 4(B)(1) u (3) u punt (5)(b) tal-Parti Preliminari tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 1.1.4 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta’ Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi), kif emendat u adattat għall-Ftehim taż-ŻEE u partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 1.1.5 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta’ Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta’ kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE), kif emendat u adattat għall-Ftehim taż-ŻEE, u partikolarment l-Artikolu 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 1.2.111 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim taż-ŻEE (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/812/KE tal-21 ta’ Novembru 2001, li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-approvazzjoni ta’ postijiet ta’ spezzjoni tal-fruntiera responsabbli għal kontrolli veterinarji ta’ prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi), kif emendat, u partikolarment l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Billi:

L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, bid-Deċiżjoni Nru 301/08/COL tal-21 ta’ Mejju 2008 ħassret id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA Nru 378/07/COL tat-12 ta’ Settembru 2007 u fasslet lista ġdida ta’ postijiet ta’ spezzjoni fuq il-fruntiera fl-Islanda u fin-Norveġja approvati għal verifiki veterinarji fuq annimali ħajjin u prodotti ta’ annimali minn pajjiżi terzi.

Il-Gvern tan-Norveġja talab li l-approvazzjoni għal prodotti mkessħin -HC-T(1)(2)(3)- għaċ-ċentru ta’ spezzjoni f’*Honningsvåg* (taħt BIP *Honningsvåg Port*) titneħħa mil-lista li tinsab fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I mal-Ftehim taż-ŻEE u tinbidel bl-approvazzjoni għal prodotti friżati biss-HC-T(FR)(1)(2)(3)-.

Il-Gvern tan-Norveġja talab li l-ispezzjoni taċ-ċentri *Harøysund* (taħt BIP *Kristiansund Port*) u *Vannøy* (taħt BIP *Tromsø Port*) titneħħa mil-lista li tinsab fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I mal-Ftehim taż-ŻEE.

L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, bid-Deċiżjoni tagħha 494/09/COL irreferiet il-kwistjoni lill-Kumitat Veterinarju tal-EFTA li jassisti lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, Il-miżuri stipulati għalihom f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju tal-EFTA li jassisti l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-verifiki veterinarji fuq l-annimali ħajjin u fuq il-prodotti tal-annimali li jiddaħħlu fl-Islanda u fin-Norveġja għandhom isiru mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-postijiet ta' spezzjonijiet fuq il-fruntiera li dwarhom hemm ftehim u li huma elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 301/08/COL tal-21 ta' Mejju 2008 qed tiġi mħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Islanda u lin-Norveġja.

*Artikolu 5*

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2010.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

| | |
|---|---|
| Per SANDERUD | Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON |
| *President* | *Membru tal-Kulleġġ* |

*ANNESS*

**IL-LISTA TAL-POSTIJIET TA' SPEZZJONI FUQ IL-FRUNTIERA**

Pajjiż: l-Islanda

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| Akureyri | IS AKU 1 | P | | HC-T(1)(2)(3), NHC(16) | |
| Hafnarfjörður | IS HAF 1 | P | | HC(1)(2)(3), NHC-NT(2)(6)(16) | |
| Húsavík | IS HUS 1 | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| Ísafjörður | IS ISA 1 | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| l-Ajruport ta' Keflavik | IS KEF 4 | A | | HC(1)(2)(3) | O(15) |
| Reykjavík Eimskip | IS REY 1a | P | | HC(1)(2)(3), NHC-NT (2)(6)(16) | |
| Reykjavík Samskip | IS REY 1b | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3), NHC-NT(2)(6)(16) | |
| Þorlákshöfn | IS THH 1 | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(6), NHC-NT(6) | |

Pajjiż: In-Norveġja

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| Borg | NO BRG 1 | P | | HC, NHC | E(7) |
| Båtsfjord | NO BJF 1 | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3) | |
| Egersund | NO EGE 1 | P | | HC-NT(6), NHC-NT(6)(16) | |
| Hammerfest | NO HFT 1 | P | Rypefjord | HC-T(FR)(1)(2)(3), HC-NT(1)(2)(3) | |
| Honningsvåg | NO HVG 1 | P | Honningsvåg | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| | | | Gjesvær | HC-T(1)(2)(3) | |
| Kirkenes | NO KKN 1 | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| Kristiansund | NO KSU 1 | P | Kristiansund | HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3) HC-NT(6), NHC-NT(6) | |
| Måløy | NO MAY 1 | P | Gotteberg | HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3) | |
| | | | Trollebø | HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3) | |
| Oslo | NO OSL 1 | P | | HC, NHC | |
| Oslo | NO OSL 4 | A | | HC, NHC | U, E, O |
| Sortland | NO SLX 1 | P | Melbu | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| | | | Sortland | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| Storskog | NO STS 3 | R | | HC, NHC | U, E, O |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| Tromsø | NO TOS 1 | P | Bukta | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| | | | Solstrand | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| Vadsø | NO VOS 1 | P | | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| Ålesund | NO AES 1 | P | Breivika | HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3) | |
| | | | Ellingsøy | HC-T(FR)(1)(2)(3) | |
| | | | Skutvik | HC-T(FR)(1)(2)(3), NHC-T(FR)(2)(3) | |

1 = Isem
2 = Kodiċi TRACES
3 = Tip
A = Ajruport
F = Linja ferrovjarja
P = Port
R = Toroq
4 = Ċentru ta' spezzjoni
5 = Prodotti
HC = Il-Prodotti kollha għall-Konsum tal-Bniedem
NHC = Prodotti Oħrajn
NT = L-ebda rekwiżiti ta' temperatura
T = Prodotti ffriżati/imkessħa
T(FR) = Prodotti ffriżati
T(CH) = Prodotti mkessħa
6 = Annimali ħajjin
U = Ungulati: frat, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, solipedi slavaġ u domestiċi
E = Ekwidi rreġistrati kif iddefiniti fid-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE
O = Annimali oħrajn
5-6 = Kummenti speċjali
(1) = Verifika skont ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/352/KEE kkunsidrata fl-eżekuzzjoni tal-Artikolu 19(3) tal-Kunsill Direttiva 97/78/KE
(2) = Prodotti ppakkjati biss
(3) = Prodotti tas-sajd biss
(4) = Protejini ta' annimali biss
(5) = Ġlud tas-suf u ġlud biss
(6) = Xaħam likwidu biss, u żjut tal-ħut
(7) = Ponijiet tal-Iżlanda (minn April sa Ottubru biss)
(8) = Ekwidi biss
(9) = Ħut tropikali biss
(10) = Qtates, klieb, rodenti, lagomorfi, ħut ħaj, rettili u għasafar li mhumiex għasafar li ma jtirux
(11) = Għalf bl-ingrossa biss
(12) = Għall-(U) fil-każ ta' solipedi, dawk li jinżammu f'ġonna żooloġiċi biss. u wkoll għall-(O), flieles ta' ġurnata, ħut, klieb, qtates, insetti, jew annimali oħra li jinżammu f'ġonna żooloġiċi
(13) = Nagylak HU: Dan huwa post tal-ispezzjoni fuq il-fruntieri (għall-prodotti) u punt ta' dħul (għall-annimali Ħajjin) fuq il-fruntiera bejn l-Ungerija u r-Rumanija, soġġett għall-miżuri tranżitorji li ġew innegozjati u stipulati fit-Trattat tal-Adeżjoni kemm fir-rigward tal-prodotti kif ukoll fir-rigward tal-annimali ħajjin. Żur: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/630/KE
(14) = Magħżul għat-tranżitu madwar il-Komunità Ewropea għal kunsinni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali għall-konsum tal-bniedem, li jmorru lejn jew jiġu mir-Russja skont il-proċeduri speċifiċi previsti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti
(15) = Annimali ta' akwakultura biss
(16) = Ħut mitħun biss

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 43/10/COL tal-10 ta' Frar 2010 li temenda l-lista miġbura fil-punt 39 tal-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li telenka postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fl-Iżlanda u fin-Norveġja miftiehma għal verifiki veterinarji fuq annimali ħajjin u fuq prodotti minn pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 301/08/COL tal-21 ta' Mejju 2008 tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA** . . . . . . . . . . 30

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT